# Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 50, miżmuma nhar il-Ħamis 15 ta' Marzu 2018 fil-17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

## Preżenti

### Membri Preżenti:

- Graziella Galea — Kunsillier (17:30)
- Antoinette Bezzina — Kunsillier (17:30)
- Anne Fenech — Kunsillier (17:30)
- Alfred Grima — Kunsillier (17:30)
- Daniel Grima — Kunsillier (17:30)
- Stephen Cremona — Kunsillier (17:30)
- Rodney Galea — Kunsillier (17:30)
- Paul Bugeja — Kunsillier (17:30)
- Joseph Vella — Kunsillier (17:30)
- Robert Piscopo — Kunsillier (17:30)
- Dounia Borg — Kunsillier (17:35)

### Membri Skużati:

- Mandy Buhagiar — Kunsillier

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

## Minuti

Il-Laqgħa nfetħet fil-17.30 mil-Kunsilliera l-aktar anzjana Antoinette Bezzina.

**50.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;**

Il-Kunsillier Mandy Buhagiar bgħatet email li ma setgħetx tattendi għal raġunijiet personali.

**50.2 Ħatra ta' Sindku u Ħatra ta' Viċi Sindku skond l-Artiklu 25 (1) tal-Liġi Lokali**

Il-Kunsilliera Antoinette Bezzina mexxiet bil-ħatriet tas-Sindku u Viċi Sindku.

**Ħatra ta' Sindku**

Skond id-direttiva tal-Ministru għall-Ġustizzja u Gvern Lokali li ġġib ir-referenza 1/2018, il-Kunsill iltaqa llum sabiex issir il-ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Hekk kif indikat fid-direttiva msemmija, il-ħatra tas-Sindku għandha ssir skond artiklu 25 (1) tal-att dwar il-Kunsilli Lokali li jgħid:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artiklu 29, fil-kariga ta' Sindku ta' xi Kunsill Lokali għandu joqgħod dak il-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokali ta' dik il-lokalita' jkun kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri ta' dak il-Kunsill. Dak il-Kunsillier jieħu l-kariga ta' Sindku fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara dik l-elezzjoni lokali. Jekk jiġri li għal xi raġuni dak il-Kunsillier jirrifjuta milli jokkupa l-kariga ta' Sindku, ikun il-Kunsillier li jkun ġabit-tieni l-ogħla għadd ta' voti minn fost dak il-partit politiku hawn qabel imsemmi li jieħu l-kariga, u hekk sussegwentement, sakemm xi ħadd jieħu l-kariga ta' Sindku.

Iżda f'każ illi s-Sindku jispiċċa mill-kariga matul it-terminu tal-Kunsill, il-post ta' Sindku għandu jimtela' minn dik il-persuna tal-istess partit li tkun ġabet l-akbar ammont ta' voti fl-ewwel għadd wara s-Sindku li jkun qed jispiċċa mill-kariga, iżda f'każ li l-liġi ma tkunx tipprovdi xort'oħra, is-Sindku jintgħażel minn fost il-Kunsillieri".

Għaldaqstant, peress li l-Kunsillier li għadu fil-kariga u li għadu jifforma parti mill-Partit Nazzjonalista kif ukoll li ġab l-akbar ammont ta' voti wara l-Kunsilliera Graziella Galea (ex Sindku), hija l-Kunsilliera Anne Fenech, Antoinette Bezzina staqsietha formalment jekk taċċettax il-kariga ta' Sindku ta' San Pawl il-Baħar.

Il-Kunsillier Anne Fenech aċċettat.

Il-Kunsillier Antoinette Bezzina talbet lill-Kunsillier Anne Fenech sabiex tiffirma l-aċċettazzjoni.

**Ħatra ta' Viċi Sindku**

Artiklu 25 sub artiklu 2 (a) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali jirreferi sabiex il-ħatra tal-Viċi Sindku ssir skond il-proċedura msemmija f'artiklu 25 (1) liema artiklu diġa nqara fil-ħatra tas-Sindku, peress li l-Kunsilliera Antoinette Bezzina diġa ddikjarat li mhux ser taċċetta l-kariga permezz ta' ittra datata 7 ta' Marzu 2018, din iddikjarat li l-Kunsillier li għadu fil-kariga u li għadu jifforma parti mill-Partit Nazzjonalista u li ġab l-akbar ammont ta' voti wara s-Sindku l-ġdid Anne Fenech u sussugwentament wara l-Kunsilliera Antoinette Bezzina huwa l-Kunsillier Daniel Grima. Għalhekk, Antoinette Bezzina staqsiet lil Daniel Grima jekk jaċċettax din il-kariga.

Il-Kunsillier Daniel Grima aċċetta.

Il-Kunsillier Antoinette Bezzina talbet lill-Kunsillier Daniel Grima sabiex jiffirma l-aċċettazzjoni.

**50.3 Tmiem tal-Laqgħa.**

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ____________________ | _________________________ |
| Anne-Marie Fenech<br>Sindku | Elke Sghendo<br>Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv |